**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Illum : Il-Gimgha, 21 ta' Lulju 2017**

**Appell Nru: 38/2017**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Joseph Borg**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkużi dedotti kontra Joseph Borg, detentur tal-karta tal-Identita' Maltija bin-nurmu 28172G, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fis-17 ta' Ġunju 2016 ġewwa Rabat, Għawdex, -

Ħebb għal Joseph Camilleri miż-Żebbug Għawdex, u kkaġunalu offiża ta' natura gravi skont kif iċċertifikat minn Dr. Joseph Rapa MD reġistrazzjoni 2408 tal-Isptar Ġenerali t'Għawdex. U dan bi ksur tal-artikolu 216 (1)(a)(ii) u 216 (b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif ukoll talli voluntarjament kser il-bon ordni jew paċi pubblika b'għajjat u storbju. U dan bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ta' nhar l-10 ta' Jannar, 2017, li biha l-Qorti, ma sabitx lil Joseph Borg ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u b'hekk illiberatu minnhom.

**3.** Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali ppreżentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-21 ta' Jannar, 2017, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata wara li tisma' dan l-appell u minflok ssib lill-appellat Joseph Borg ħati ta' l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u tinfliġġi l-piena skont il-liġi u fil-parametri relattivi.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti kollha, semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti allegati jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Fis-17 ta' Ġunju 2016 Joseph Camilleri rrapporta l-għassa tal-pulizija tar-Rabat, Għawdex li l-imputat kien tah daqqa ta' ponn fi Pjazza San Franġisk. L-imputat ġie arrestat u rrilaxxja stqarrija mal-pulizija wara li ingħata l-opportunita' jikkonsulta avukat. Fl-istqarrija tiegħu l-imputat stqarr li huwa u Joseph Camilleri kienu lletigaw fi Pjazza San Franġisk u Camilleri kien beżaqlu u meta ra hekk huwa nfixel u ta daqqa ta' ponn lil Camilleri u ra d-demm ħiereġ minn wiċċu. Aktar tard l-imputat ġie arrestat u tressaq il-qorti.

**6.** Fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2017 l-avukat tal-imputat appellat eċċepiet:

1. In-nullita' tar-rikors tal-appell u dan peress li fir-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali ntalbet it-tħassir u r-revoka tas-sentenza appellata meta mir-rikors tal-appell jirriżulta li mhux qed isir appell fuq tlett (3)

akkuzi, u l-uniku ħaġa ċerta hu li l-appell qed isir fuq offiża ta' natura gravi, u għaldaqstant kellha tintalab ir-riforma;

2. Mingħajr preġudizzju għall-eċċezzjoni ġia sollevata, in-nullita' tas-sentenza appellata peress li ma jirriżultax li sar l-eżami tal-imputat a tenur tal-artikolu 392 tal-Kap 9, u eċċepiet ukoll għall-istess raġuni n-nuqqas ta' kompetenza tal-ewwel Qorti biex tiddeċiedi l-kawża.

**7.** Għall-Avukat Ġenerali fl-istess seduta ġie sottomess dwar l-ewwel eċċezzjoni li mir-rikors tal-appell jirriżulta ċar li l-appell kien qed isir mis-sentenza kollha u dan kif jidher mill-paragrafu immedjatament qabel it-talba u in kwantu għat-tieni eċċezzjoni rrimetta ruħu għal dak li jirriżulta mill-atti u għall-ġudizzju tal-Qorti.

**8.** Id-difiża irreplikat billi għamlet riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri Pulizija v Joseph Zahra tat-3 ta' Diċembru 2001 u għad-deċiżjonijiet fiha ċitati. Għamlet ukoll riferenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fl-ismijiet Il-Pulizija v Stephen Desira et tat-3 ta' Novembru 2005.

**9.** Il-Qorti semgħet trattazzjoni dwar l-eċċezzjonijiet sollevati u ddiferiet l-appell għas-sentenza fuq l-istess eċezzjonijiet.

**10.** In kwantu għall-ewwel eċċezzjoni dwar in-nullita tal-appell tal-Avukat Ġenerali l-imputat appellat manifestament ma għandux raġun.

**11.** Fil-premessi tal-appell tiegħu l-Avukat Ġenerali espliċitament jissottometti li "l-unika triq viabli li l-Qorti ... kellha kienet li ssib lil appellat ħati tal-imputazzjonijiet kollha, jew alternattivament ... teroga piena abbażi tal-prinċipju "il piu comprende il meno", pero' żgur mhux liberatorja".

**12.** Mill-premess jirriżulta kjarament li l-Avukat Ġenerali kien qiegħed jappella mis-sentenza kollha fuq l-imputazzjonijiet kollha u għalhekk it-talba tiegħu sabiex titħassar u tiġi revokata s-sentenza appellata intiera hija in regola u kien jagħmel ħazin li kieku minflok talab ir-riforma tas-sentenza appellata.

**13.** Din l-ewwel eċċezzjoni qiegħdha għalhekk tiġi miċħuda.

**14.** Dwar it-tieni eċċezzjoni, iżda, l-imputat appellat għandu pienament raġun u anzi l-istess eċċezzjoni hi sollevabbli anki ex ufficio trattandosi ta' materja ta' ordni pubbliku.

**15.** L-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat appellat kjarament jeżorbitaw mill-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li quddiemha tressaq l-imputat. Di fatti l-ewwel imputazzjoni ta' offiża gravi taħt l-artikolu 216(1)(a)(ii) u 216(b) tal-Kodiċi Kriminali jikkomportaw piena minn tlett xhur sa sitt snin u b'hekk jeċċedu l-piena ta' sitt xhur li hi l-piena massima fil-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. Bħala konsegwenza kellha tiġi segwita l-proċedura maħsuba fis-Sub-titolu II, tat-Titolu II, tat-Taqsima I, tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali u ċioe' dik li tirrigwarda l-kumpilazzjonijiet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja[1]. Dan ifisser li l-imputat kellu jiġi eżaminat skont l-artikoli 392 u 395 tal-Kodiċi Kriminali iżda ma jirriżultax li ġie hekk eżaminat. Għalkemm fil-proċess jirriżulta esibit il-kunsens tal-Avukat Ġenerali sabiex il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja skont l-artikolu 370(4) tal-Kodiċi Kriminali dan ma kienx jiswa għaliex lill-imputat ma ġiex domandat kif tassattivament previst fl-artikolu 370(4)(a)(b) tal-Kodiċi Kriminali jekk l-imputat isibx oġġezzjoni li l-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja. Di fatti ma jirriżultax li l-imputat qatt ta l-kunsens

[1] Ara inter alia Q App Krim. Inf. P v Alfred Zahra, 3/12/2001

tiegħu sabiex il-każ tiegħu jiġi trattat bi proċedura sommarja u l-proċeduri ssoktaw quddiem l-ewwel Qorti bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali li in kwantu tali ma kellhix kompetenza fuq ir-reati miġjuba quddiemha.

**16.** F'din is-sitwazzjoni din il-Qorti ma tistax tħassar is-sentenza appellata u tgħaddi hi stess sabiex tiddeċiedi l-kawża fil-mertu kif previst fl-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali għaliex l-artikolu 428(1) tal-istess Kodiċi tassativament jipprovdi li meta l-Qorti Superjuri ssib li l-fatt miġjub fl-akkuża jġib reat suġġett għal piena li taqbeż il-kompetenza tal-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, bħal ma hu l-każ odjern, għandha tħassar is-sentenza, u tibgħat l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati biex tipproċedi skont il-liġi.

Għall-motivi premessi din il-Qorti filwaqt li tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-imputat dwar in-nullita' tal-appell tal-Avukat Ġenerali tilqa' t-tieni eċċezzjoni dwar in-nullita' tas-sentenza appellata u n-nuqqas ta' kompetenza tal-ewwel qorti u konsegwentement tannulla s-sentenza appellata kif ukoll il-proċeduri kollha li saru wara li l-Ispettur Edel Mary Camilleri ikkonfermat l-akkuża bil-ġurament tagħha fl-udjenza tas-6 ta' Ottubru, 2016; u tibgħat l-atti lura lill-Qorti tal-Maġistrati (Ghawdex) bħala Qorti Istruttorja sabiex dik il-Qorti tisma' l-każ skont il-ligi.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur